

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6696/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0305 (NLE)**

**FRONT 48
COWEB 20
MIGR 57**

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina Adozzjoni |

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina.
2. Il-Ftehim għandu l-għan li, abbażi tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624¹, jawtorizza lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tistazzjona timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti fil-Bożnija-Ħerzegovina.

¹ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess bl-inizjaljar tal-abbozz ta' ftehim dwar l-istatus mill-Kummissjoni u l-Bożnija-Herzegovina. Fit-28 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Herzegovina, u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim². Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar ġiet adottata mill-Kunsill fis-27 ta' Jannar 2025 u l-Ftehim ġie ffirmat fil-11 ta' Ġunju 2025 fi Brussell, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
4. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jadotta d-Deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kunsill ippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif ukoll it-test tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
6. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li ma japplikawx għall-Irlanda, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen³. Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
7. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
8. Fil-21 ta' Jannar 2026, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim⁴ u ta struzzjoni lill-President tiegħu biex tibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Bożnija-Herzegovina.

² 16475/24 + ADD 1 + ADD 2 u 16476/24 + ADD 1.

³ ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

⁴ P10_TA(2026)0011

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 16666/24 iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti, u
 - jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
